# 3 ta' April 1718 –
# Il-Prepostu Dun Ġużepp Gaspare Vassallo jieħu l-Pussess

**Philip Xuereb**



***Nhar it-3 t'April 1718 kien ħa l-pussess bħala l-ħames Prepostu tal-Kolleġġjata Elenjana, Dun Ġużepp Gaspare Vassallo, Duttur fil-liġi kanonika u ċivili u Protonotarju Appostoliku. Kien hu li ġġieled biex setgħu jinżammu ċerti prerogativi tal-Prepositura tal-Kolleġġjata Karkariża, fosthom dik tas-Sedja Prepositali. Fi żmienu wkoll inbniet il-Bażilika tal-lum, u ħadem ħafna f'dan ir-rigward. Kien huwa wkoll li bena l-knisja rurali, msejħa sal-lum bħala Tal-Prepostu, fl-inħawi li huma magħrufa bħala Tal-Balal, għall-kumdità tal-bdiewa li kienu joqogħdu fl-inħawi. Dak iż-żmien il-Prepostu ma kienx ukoll Arċipriet.***

**Is-Sedja Prepositali**

Fis-27 ta' Awwissu 1717 miet il-Prepostu Dr Dun Ġakbu Galea u fi dħul is-sena ta' wara irnexxielu jieħu d-dinjità ta' Prepostu Dun Ġużepp Gaspare Vassallo minn Birkirkara. Biex jikseb dan, kien mar Ruma meta kien għadu kjeriku ta' 20 sena. Eventwalment huwa kien ukoll Protonotarju Appostoliku, Prokuratur tal-Mensa tas-Sant'Uffizzju u Reviżur tal-kotba ħżiena, tliet karigi fl-Inkwiżizzjoni. Kien ukoll Vigarju tal-Lateran u Kummissarju tas-Simoniji għal Malta. Iżda sa minn qabel il-ħatra tiegħu, wara l-mewt ta' Galea, meta l-Prepositura kienet għadha vakanti, kienet reġgħet tqajmet kwistjoni minn dawk li l-aktar jaħarqu fl-istorja tal-Kolleġġjata Elenjana.

L-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, Fra Giacomo Cañaves (1713-1722), deherlu li kien il-waqt li titneħħa s-Sedja Prepositali mill-Kolleġġjata ta' Birkirkara, ħaġa li kien diġà ttanta jagħmel il-predeċessur tiegħu, l-Isqof Fra Davide Cocco Palmieri (1684-1713). Għal min ma jafx, din hija sedja partikulari tal-Prepostu ta' Birkirkara fuq in-naħa tal-Evanġelju fil-kor tal-knisja. Il-Prepostu ma joqgħodx fl-ewwel wieħed mill-istalli tal-kor innifsu imma fuq siġġu tad-dirgħajn miksi bil-ġild, b'ġinokkjatur quddiemu, b'tapit u mħadda lewn aħdar u mqiegħed fuq bradella bi tliet tarġiet. Dan fil-kor biss. Din kienet ħaġa li lanqas l-istess Isqof ma kien igawdi.

Dik il-ħabta kienu għadhom kif saru l-istalli ġodda fil-kor tal-knisja kolleġġjata, dak iż-żmien il-Knisja l-Qadima, u l-Isqof Cañaves ġiegħel lill-Kanonċi jneħħu s-siġġu tal-Prepostu mill-kor. Kien hemm ħafna minn dawk ta' madwar l-Isqof li kienu jagħwwuh biex isir dan. Fosthom kien hemm żewġ kanonċi u l-Arċipriet ta' Birkirkara

stess, Dun Ġann Battist Xicluna, li kien ukoll wieħed mill-kapitulari għax dak iż-żmien, il-Prepożitura u l-Arċipretura ma kinux magħqudin. Dan Xicluna *kien iħallas ġidu biex jara dik it-tribuna tal-Prepostu mneħħija darba għal dejjem mill-kor.*[1]



L-Isqof iddispona kif għandhom isiru l-affarijiet. Imma l-kanonċi dehrilhom li jekk joqogħdu għal dak li ried l-Isqof, dan kien ikun ta' detriment għall-Prepostu li kellu jsir. L-Isqof impona pieni għal dan fuq il-kanonċi inkluża sospensjoni *a Divinis.* Iżda meta bagħat id-Digriet Ruma għall-konferma, hawn riedu jisimgħu x'kellha xi tgħid in-naħa l-oħra involuta.



Sadanittant, ingħażel il-Prepostu l-ġdid Vassallo u meta ġietu l-konferma tal-ħatra minn Ruma, kiteb lill-Isqof biex ikompli jżomm bil-kwiet id-drittijiet tal-Preposti ta' qablu inkluża s-Sedja. Iżda l-Isqof ma ċċaqlaqx u Vassallo beda kawża quddiem is-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti. Meta ħa l-pussess fit-3 ta' April 1718, ħa l-pussess kollu bħall-Preposti ta' qablu. Sadanittant, komplew għaddejjin korrispondenzi ma' Ruma, bl-Arċipriet ikompli jrewwaħ kontra Vassallo u viċi versa. Fit-3 ta' Frar 1720 waslet deċiżjoni negattiva u li l-kawża ma kellhiex terġa' titressaq. L-Arċipriet ma naqasx li ma jifraħx.

Imma l-Prepostu Vassallo u l-Kanonċi l-oħrajn ma qatgħux qalbhom u saret riċerka li wriet li s-Sedja Prepositali kienet hemm minn żmien il-fundatur Dun Filippu Borg. Sadanittant, f'Ottubru tal-1720, l-Isqof Cañaves ukoll kiteb Ruma u qal li kien ra dokumenti li ma kienx jaf bihom, u għal raġunijiet prattiċi oħra fil-kor, talab li l-Prepostu jibqa' jkollu s-Sedja msemmija. F'Awwissu 1721 il-Prepostu talab li s-Sagra Kongregazzjoni terġa' tisimgħu minkejja d-deċiżjoni li kienet ħadet is-sena ta'

[1] E. B. Vella, *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata tagħha,* Empire Press 1934, 189.

qabel. L-Arċipriet u sħabu, kif semgħu, ma naqsux li jiktbu huma wkoll kontra. Imma f'Settembru 1723, il-Kongregazzjoni Rumana kkonċediet għat-talba ta' Vassallo. Huwa kellu wkoll bosta qaddisin tal-art li għenuh f'xi ħin jew ieħor.

Meta bdiet il-kawża, l-Avukat tal-Prepostu u l-Kapitlu ressqu tnejn u sittin raġuni dokumentati biex juru li s-Sedja kienet hemm minn żmien il-fundatur u li kienet tintuża wkoll minn kull Prepostu warajh. Fl-10 ta' Ottubru 1723 saret ukoll dikjarazzjoni quddiem l-Inkwiżitur mid-disa' kapitulari l-oħra: *Ħsibna sew fit-tlewwim ftit jixraq lin-nies tal-knisja, u biex wieħed jista' jgħin għall-ħidma t'Alla jinħtieġ il-ftehim u l-kwiet, u l-għaqda min-naħa tal-waħda u l-oħra.* Talbu għalhekk li tingħata lill-Prepostu l-imsemmija Sedja kif gawdewha ta' qablu kollha: *billi dan ġieħ qadim tal-kolleġġjata tagħna.*[2]



Xi xhur wara, f'Ġunju tal-1724, iż-żewġ kanonċi l-oħra għamlu dikjarazzjoni quddiem Nutar li fiha ddikjaraw li kienu ċedew il-kawża u riedu li l-Prepostu jibqa' jkollu s-Sedja Prepositali. Dan ikkonfermah lis-Sagra Kongegazzjoni l-Inkwiżitur Antonio Ruffo (1720-1728). U l-Arċipriet Ġann Battista Xikluna, meta sab ruħu waħdu, ċeda huwa wkoll, f'dikjarazzjoni li għamel flimkien mal-kuġitur tiegħu li kien neputih, Dun Alberto Gabrieli Xikluna, f'Ġunju tal-1725. Iżda biex żgur dak kollu li kien inqala' f'dawk is-seba' snin li kienu għaddew ma jerġax jinqala' fil-futur, inħass li kien meħtieġ li dak il-privileġġ tas-Sedja Prepositali kkonfermat għalih mill-Papa nnifsu.

[2] E. B. Vella, *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata tagħha,* Empire Press 1934, 195.

Għalhekk nhar it-3 ta' Mejju tas-sena 1726 il-Prepostu Vassallo kiteb lill-Papa l-istorja kollha u talbu jwettaq bi Breve Appostoliku l-użu tas-Sedja Prepositali u wara konsultazzjoni mas-Sagra Kongregazzjoni tal-Konċilju, il-Papa Benedettu XIII, nhar il-5 ta' Ġunju 1727 ħareġ il-Breve li fih qal: *Inġiegħlu li l-imsemmija Sedja Prepositali bit-tiżjin tas-soltu tiġi mqiegħda fil-post fejn kienet kif kien jagħmel l-imsemmi fundatur u l-Preposti ta' warajh.*

E. B. Vella jtemm din il-ġrajja bil-kliem: *U hekk ukoll is-sena 1727, li magħrufa fl-istorja ta' dan ir-raħal għat-tqegħid tal-ewwel ħaġra tal-knisja l-ġdida, kellha aktar u aktar ma tintesa qatt għaliex fiha ġie mwettaq privileġġ li jagħżel il-knisja kolleġġjata ta' Birkirkara mill-knejjes l-oħra ta' Malta.*

Band'oħra fir-rakkont ta' din il-ġrajja, l-istess storiku Vella jistqarr dan li ġej: *Il-kittieb li jaf l-istorja kollha qatt ma resaq lejn dan is-siġġu jekk mhux b'qima u biża'.*

**Il-Bini tal-Knisja l-Ġdida**

Il-ħsieb u d-deċiżjoni għall-bini tal-knisja ta' Santa Liena li naraw illum, u anke l-ewwel ġbir ta' fondi, saru fis-snin 1716 u 1717, ftit biss qabel il-ħatra ta' Dun Ġużepp Vassallo bħala Prepostu. U hawn wieħed irid jgħid li wieħed milli wiegħed kontribuzzjoni qawwija għal dan il-għan, ma kien ħadd għajr l-Arċipriet Xikluna, li kif rajna, f'dawk l-għaxar snin li kienu ġejjin, kellu jkun wieħed fost dawk li ħabbtu sew lil Vassallo fir-rigward tas-Sedja Prepositali. Huwa kien: *wiegħed minn qalbu quddiem żewġ xhieda, illi għall-bini tal-knisja l-ġdida u għall-akbar ġieħ t'alla, huwa jħalli l-primizji kollha żmien għaxar snin.*[3] Minnhom naqqas xi flus li kull sena kellu jagħti lill-Kapitlu u pensjoni lil Dr Dun Franġisk Benċini u li jekk dan kien imut, din ukoll kienet tmur għall-bini tal-knisja.


3.
Riporto . . . 19. 10. 15.
Spesa Straordinaria.
Per vino in servizio de' Lavoratori nei giorni di festa due quartara ad 8. 10. la quartara . . . 1. 5. —
Più per formaggio in servizio di d.i Lavoratori — 4. 2.
Più per concia de' barili di vino — — 18.
G. Vassallo Preposito.

[3] E. B. Vella, *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata tagħha,* Empire Press 1934, 214.

Il-Prepostu ta' dik il-ħabta, Dun Ġakbu Galea kellu tnejn u tmenin sena, kien marid u miet f'dik l-istess sena, jiġifieri, fl-1717 u għalhekk ma setax iħabrek għall-knisja l-ġdida. *Floku laħaq Dun Ġużepp Vassallo, li kien tassew żiemel mill-aqwa...*[4] U m'għandniex xi ngħidu kien hu l-Prepostu li, flimkien mal-Arċipriet, akkumpanja lill-Isqof Fra Gaspare Gori Mancini fiċ-ċerimonja solenni tat-tqegħid tal-ewwel ħaġra nhar il-Ħadd 27 ta' April 1727. U l-istess tnejn li akkumpanjaw lill-Isqof Fra Pawlu Alpheran de Bussan, meta waqt il-Viżta Pastorali tal-1736, dan żar is-sit ta' fejn kien tiela' l-bini tal-knisja. U kien hu wkoll li akkumpanja lill-istess Isqof, issa mal-Arċipriet Dun Karl Bellia, meta fid-19 ta' April 1745 il-knisja tbierket solennement.

Imma l-involviment tal-Prepostu Vassallo ma naħsbux li kien ċerimonjali biss. Għaliex għalkemm hu ma kienx wieħed mill-Prokuraturi tan-*nuova fabbrica,* kif dak iż-żmien kien jissejjaħ il-bini fid-dokumenti, kull ġimgħa sakemm dan kien qed isir, kien jifli, jirrevedi u jikkonferma l-kitba tal-kontijiet tal-ħidma li tkun saret, kemm fir-reġistri tal-pagi tal-ħaddiema, kif ukoll tal-*iStraordinari,* jiġifieri, nefqiet oħra għall-affarijiet meħtieġa jew konnessi mal-istess proċess. Għandna nifhmu li kien ikun ukoll fuq il-lant tax-xogħol, kif jidher li kienu jagħmlu qassisin u kanonċi oħra, kif nistgħu nifhmu minn dak li ġara aktar tard lill-Kanonku Dun Perin Borg.[5]

**Knisja ta' San Filippu u San Ġakbu**



Dil-kappella taf il-bidu tagħha lill-Prepostu Dun Ġużepp Gaspare Vassallo li fit-18 ta' Ottubru 1732 iddikjara għand in-Nutar F. Grech li fuq art magħrufa bħala *Ta' Wied Għomor* ried jibni knisja u ħallielha renta ta' disa' skudi fis-sena minn fuq proprjetà li kellu ħdejn il-knisja ta' Santu Rokku f'Birkirkara stess. Kien għamel ukoll kundizzjoni li din il-knisja qatt ma kellha tiġi tiddependi mill-Arċipriet-Kurat tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara, imma minnu u mill-Preposti suċċessuri tiegħu. Dan minħabba li dak iż-żmien, kif semmejna, il-Prepositura u l-Arċipretura f'Birkirkara ma kinux investiti f'persuna waħda kif wara kollox reġgħu kienu bejn l-1981 u l-1994. Wieħed irid jgħid ukoll li dik il-ħabta li l-Prepostu Vassallo bena dil-knisja f'Tal-Balal, kien hemm kwistjonijiet kbar bejn dawk iż-żewġ dinjitajiet kapitulari.

[4] E. B. Vella, *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata tagħha,* Empire Press 1934, 219.

[5] Dun Perin kien waqa' minn fuq xi armar waqt xogħol li kien għadu għaddej fil-bini tal-knisja, fis-16 ta' Awwissu 1750. Kien kiser u tilef driegħu tal-lemin. Ibid., 422.

Dil-knisja għalhekk inbniet mill-Prepostu msemmi u huwa minħabba f'hekk li għadha tissejjaħ sa llum ***Tal-Prepostu.*** Mhux biss il-knisja, iżda dik il-fergħa ta' Wied Għomor li tibda sewwa sew minn taħtha, biż-żmien ukoll bdiet tissejjaħ ***Wied tal-Prepostu.*** Minbarra ż-żewġ qaddisin Appostli Filippu u Ġakbu, il-fundatur ried li tkun dedikata wkoll għall-Erwieħ tal-Purgatorju l-aktar fil-bżonn. Bniha biex in-nies li kienu joqogħdu f'dawk l-inħawi rurali f'Tax-Xwieki u tal-Għorfa tal-Balal, li dak iż-żmien kienu parti mill-Parroċċa Karkariża, imma li madankollu anke l-knisja parrokkjali l-ġdida li kienet qed tinbena, kienet imbegħda, ikollhom knisja fejn setgħu jisimgħu l-quddies fil-Ħdud u l-btajjel ikkmandati.

**Tiżżejjen b'dak kollu li kien meħtieg**

Minbarra li bniha, Vassallo kien ra li jkollha wkoll kulma kien meħtieġ inklużi relikwiji tal-qaddisin patruni. Ħalla wkoll fundazzjoni biex jinxtegħel il-lampier fis-Sibtijiet kollha biex issir quddiesa nhar il-festa tal-qaddisin titulari (illum fil-kalendarju nhar it-3 ta' Mejju), u quddiesa kull nhar ta' Ħadd fis-sitt xhur tas-Sajf. Il-kwadru titulari hu deskritt bħala wieħed ta' valur artistiku, kemm stilistikament u kemm teknikament u li jqarreb ħafna lejn ix-xogħlijiet tal-pittur Malti tal-ewwel nofs tas-Seklu Tmintax, Ġannikol Buhagiar.

Madankollu, il-Prepostu Vassallo kellu problema biex isib sagristan għal dil-knisja, għax ħadd ma ried joqgħod jekk ma kienx igawdi mill-eżenzjoni u l-privileġġi tal-Qorti ekkleżjastika, billi dan ma setax ikun jekk fil-knejjes tal-kampanja ma kienx isir fihom għallanqas żewġ quddisiet fissi fil-ġimgħa. Għalhekk, fl-1738, il-Prepostu kiteb Ruma għar-raġuni li minħabba li ma kienx hemm Sagristan, ħadd ma kien irid imur iqaddes f'dik il-knisja u hekk tonqos il-qima u l-ġid spiritwali tan-nies tal-inħawi. Għal din it-talba kellu wkoll ir-rakkomandazzjoni tal-Isqof.




***Arma tal-Prepostu Dun Ġużepp Vassallo fl-Awla Kapitulari tal-Kolleġġjata Elenjana.***

**Il-Kappella minn barra u minn ġewwa**

Din il-kappella jew knisja tal-Prepostu għandha faċċata b'bieb fin-nofs imżejjen bi gwarniċa. Fuqu hemm tieqa li tagħti d-dawl lill-kappella u taħtha hemm ċ-ċavi maħruġa 'l barra bħallikieku kienu se jiskolpixxu xi arma. Fil-kantunieri tal-faċċata nsibu pilastru lixx li fuqu hemm biċċa ġejja għall-ponta. Il-faċċata tispiċċa bi frontispizju bi spazju għall-qanpiena. Fuq dan hemm salib tal-gebel.

Minn ġewwa, il-kappella hija rettangolari b'artal wieħed. Għandha saqaf troll u hija ċċangata. L-artal qiegħed fi speċi ta' apside fejn hemm il-kwadru. Il-kwadru li hemm bħalissa hu riproduzzjoni fotografika tal-oriġinal li ttieħed fil-kunvent tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini f'San Ġwann. Juri liż-żewġ Appostli Filippu u Ġakbu fil-glorja qed jiġu inkurunati mill-angli. Taħthom hemm erwieħ tal-purgatorju. Hemm ukoll gwarniċa li tibda mill-kwadru u tibqa' ddur mal-knisja. Minħabba li l-kappella qiegħda xi ftit maqtugħa mill-abitat, għal xi żmien kienet intelqet imma xi snin ilu ġiet irrestawrata.

**Tgħaddi mal-Parroċċa ta' San Ġwann**

Kif għedna, din il-kappella nbniet meta l-inħawi ta' San Ġwann tal-lum kienu għadhom jagħmlu mal-Parroċċa ta' Sant'Elena ta' Birkirkara. Fl-1965, San Ġwann sar Parroċċa u nqata' minn Birkirkara, imma għal xi żmien dil-kappella baqgħet tagħmel ma' Birkirkara. Kien meta twaqqfet il-Parroċċa tal-Kunċizzjoni f'Tal-Ibraġ li din il-kappella saret tagħmel ma' San Ġwann.

Jidher li għalkemm il-Prepostu Kanonku Dun Ġużepp Gaspare Vassallo kien bniedem enerġiku, meta qabeż il-ħamsin sena tal-età tiegħu ma baqax dak li kien u saħħtu kienet bdiet sejra lura. Hekk insibu lejn l-aħħar tas-snin erbgħin, naturalment tas-Seklu Tmintax, fejn hu kien għamel talba lill-Isqof biex jingħata kuġitur, jiġifieri, qassis li jgħinu u jagħmel id-doveri ta' Prepostu minfloku meta huwa ma kienx ikun jista'.[6] Jidher madankollu li kien baqa' sal-aħħar, kif ngħidu llum, tal-punt, għad-drittijiet tiegħu. Hekk meta fl-1747 l-Isqof Fra Pawlu Alpheran de Bussan ġie Birkirkara biex jagħmel Viżta Pastorali, meta l-istess Isqof mar biex jidħol fil-knisja sab kemm lilu u kemm lill-Arċipriet Karlu Bellia jistennewh, lebsin korali u bl-aspersorju, u t-tnejn iħaqquha li dak kien id-dritt tagħhom. L-Isqof qabbad lill-Vigarju Ġenerali jnewwillu hu l-aspersorju, u jekk riedu, l-Prepostu u l-Arċipriet imbagħad ifittxu d-dritt tagħhom wara. Vassallo ma tawwalx wisq fuq din l-art wara din il-ġrajja għax miet fis-Sajf ta' dik l-istess sena.[7]

**Referenzi:**

Gauci Rev. Kan. P. (Ed.) *Birkirkara, Storja, Kolleġġjata u Knejjes Filjali,* PEG Limited 2005.
Kilin, *Kappelli u Knejjes Żgħar,* Empire Press 1967.
Kotba tal-kontijiet tal-bini tal-knisja fl-Arkivju fl-Awla Kapitulari.
Kunsill Lokali San Ġwann, *San Ġwann u l-Istorja Tiegħu,* 1996.
Spiteri Rev. Donat OFM Cap, *Il-Parroċċa ta' San Ġwann,* 1991.
Vella E. B., *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata tagħha,* Empire Press 1934.

[6] Arkivju Parroċċa Sant'Elena, Birkirkara, BĠJ85 (105) Ċ.
[7] E. B. Vella, *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata tagħha,* Empire Press 1934, 238 - 239.